MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 141/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Sciberras)**
**Vs**
**Julian Genovese**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta' Marzu, 2007, f'Bugibba, San Pawl il-Bahar, bejn nofs inhar u l-hamsa ta' wara nofs inhar

1. volontarjament ghamel hsarat li jammontaw ghal aktar minn hamsin lira w anqas minn elf lira ghad-dannu ta' terzi;
2. fl-4 ta' Marzu, 2007 u fil-granet precedenti fil-Gzejjer Maltin, ingurja u/jew hedded u ghamel uzu ta' xi sistemi jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, jew xort'ohra naqas milli josserva dawk l-

istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew mill-imsemmi apparat b'ghadd ta' telefonati u/jew messaggi;
3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Maria Cauchi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 339(1)(d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w l-artikolu 35(1)(d) tal-kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, w ikkundannatu ghal terminu ta' sena (1) prigunerija, u ordnat il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tlett (3) snin favur Maria Cauchi, a tenur ta' l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni w, fin-nuqqas li tigi milqugha din it-talba, tvarja l-piena ghal wahda inqas harxa, in kwantu l-piena moghtija kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li kwantu ghall-ewwel akkuza ma kien hemm ebda prova li kien l-appellant li kkaguna l-hsara w ghalhekk kellu jigi liberat. Lanqas ma ngabat ebda prova dwar kemm il-hsara kienet estiza o meno w hemm dubju jekk kienetx taqbez il-LM50 kif allegat fl-akkuza ghax il-hsara li kellu l-bieb ta' barra kienet wahda minima, fis-sens li kien hemm hgiega miksura. In kwantu l-bieb personali tal-*parte civile* ma gewx esebiti ritratti li juru l-hsara. Di piu', l-istimi esebiti kienu stimi ghall-bibien

godda, fil-waqt li l-ewwel akkuza titkellem fuq hsarat u mhux fuq bibien godda. Li ried jigi ppruvat hu kemm tiswa t-tiswija tal-bieb u mhux kemm iqum bieb gdid. Hu inverosimili li kellu jimbidel bieb shih. Kwantu ghat-tieni akkuza, din illum m' ghadhiex tezisti w allura japplika l-principju *"nulla poena sine lege."* F' kull kaz ma ngabet ebda prova li n-numru tat-telefon in kwistjoni 9947 7170 kien tal-appellant u lanqas ma gie pruvat li l-appellant attwalment ghamel dawk it-telefonati. Dwar it-tielet akkuza ma ngabet ebda prova li fattwalment l-appellant hekk ingurja jew hedded lil Maria Cauchi w l-aggravju msemmi fil-paragrafu ta' qabel japplika wkoll ghal din l-akkuza. Inoltre l-piena ta' sena prigunerija kienet wahda harxa wisq u eccesiva fic-cirkostanzi.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-llum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel, tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs. George Azzopardi“** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **“R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”,** deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht*

*ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.”*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta’ valutazzjoni ta’ kredibilita’ ta’ xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta’ fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero’ taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b’mod “*safe and satisfactory”* ghall-konkluzzjoni ta’ htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, huwa assodat li fl-4 ta' Marzu, 2007, Maria Cauchi, oht il-mara tal-appellant li maghha hu kellu diga' diversi incidenti li uhud minnhom kienu addirittura spiccaw bi proceduri kriminali kontra l-appellant li fihom kien instab hati, kienet Ghajn Tuffieha. Hemmhekk hi rceviet serje ta' telefonati fuq il-mobile phone taghha numru 9986 8758 mit-telefon cellulari numru 9947 7710 li l-appellant jacceta fix-xiehda tieghu li kien tieghu (Fol. 72). Dawn it-telefonati, skond id-dokument a fol. 47 esebit mix-xhud Denise Formosa Gruppetta, rapprezentanti tas-socjeta' Vodafone Malta plc., (fol. 47) kienu sebgha (7). Sitta (6) minnhom saru fl-intervall bejn it-tlieta w tlettax il-minuta ta' wara nofs inhar (15.13.23hrs) u l-erba w hamsa w tletin minuta (16.35.31 hrs) u damu kull wahda numru ta' sekondi kif jidher dettaljatament mill-istess dokument esebit. Jirrizulta ukoll li saret telefonata ohra ta' mitejn u disgha sekondi ftit qabel it-8 pm. (19.58.24 hrs) tal-istess jum.

Maria Cauchi xehdet li fit-telefonati ta' wara nofs inhar, l-appellant kien qalilha li kien kisser l-*aluminium common door* tal-flats fejn tghix hi u cioe' flat 15, 1$^{st}$. November Flats Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar, u li kien ha

jkisser il-bieb tal-flat taghha. Beda jghidilha kliem bhal : "*Ha nigi nkissirlek il-bieb….Qieghed hawn wara l-bieb, kissirtlek il-bieb tal-blokk….Issa ha nitla' nkisser il-bieb tal-flat tieghek, kissirtlek il-qanpiena…Ha nigi natik xebgha lilek u lil min ikun mieghek"* u *"ghala hekk  u ghala bieb hekk"* u hafna dagha w theddid. Hi minnufieh marret taghmel rapport ghand PC 675 David Sciberras fl-ghassa tal-Qawra qabel ma marret lura fil-flat taghha w hemm irraportat x' kien qalilha l-appellant u li tul it-triq taghha lura minn Ghajn Tuffieha lejn il-Qawra kienet irceviet xi sitt telefonati ohra minnghand l-appellant li kienu jikkonsistu f' diversi theddid.

Tlitt membri tal-Pulizija w cioe' l-istess PC Sciberras, PC 646 u PC 243 marru ma Maria Cauchi fejn il-flat taghha w hemm sabu l-bieb ta' barra ossia l-*main common door* tal-aluminium bil-*pane* tan-nofs miksura w maqlugha minn postha. Telghu fuq u hemm sabu li l-bieb tal-flat ta' Cauchi kellu diversi marki ta' brix u sinjali, qiesu xi hadd tah bis-sieq, xi xambrelli miksurin, pero' ma cedhiex. Il-qampiena ta' barra ukoll kienet miksura.

L-appellant jichad li hu kien mar hemm u li ghamel din il-hsara fil-biebien u l-qanpiena fl-istqarrija tieghu (fol. 24), pero' jaccetta li kellu xi jghid ma Maria Cauchi qabel ghalkemm mhux bl-idejn. Dan ghaliex fejn tarah hi ccempel lil martu mbaghad, meta hu jmur id-dar, ikollu xi jghid ma martu. Jghid li Cauchi mhux hu issegwih u taqlalu t-*trouble.*

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant (Fol. 69 et seq.) cahad li kien mar fil-flat ta' Cauchi dak in-nhar u li kien ghamel xi hsara u qal li hemm joqghodu tminja w ghoxrin familjha ohra. Cahad ukoll li kien cempel lil Cauchi dak in-nhar. Mistoqsi jekk kellux xi jghid ma Cauchi, qal li affarijiet zghar kienu. Cahad li kienu telghu il-Qorti. Pero' mbaghad - fl-istess nifs - accetta li kien wehel xahar habs, imma mhux fuqha, imma ghax qalet li kien heddidha fl-awla. Accetta li l-*mobile phone* numru 9947 7710 kien tieghu. Jaf li n-numru 9986 8758 hu ta' Maria Cauchi. Hi qatt ma cemplitlu.

Ikkonsidrat;

Li mhemmx dubju li kemm il-bieb ta' barra tal-komun tal-flats kif ukoll il-bieb ta' Maria Cauchi sfaw danneggjati fl-4 ta' Marzu, 2007 u dan sar bejn is-1 pm. meta Cauchi kienet marret il-flat taghha w xi hin marret lura akkompanjatha mill-Pulizija ghall-habta tal-4 pm.

Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jissottometti li hadd ma rah fl-agwati tal-flat ta' Cauchi w, inqas w inqas, ma rah xi hadd ikisser il-bibien. B' dana kollu mill-assjem tal-provi l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tabbraccja l-versjoni guramentata ta' Maria Cauchi li tinsab korroborata minn diversi cirkostanzi materjali, kontra c-cahda tal-appellant li hu kontradett mill-istess cirkostanzi. Jekk stess ma rah hadd ikisser lill-appellant, hu kien qed jiddikjara kontinwament x' kien qed jaghmel fuq it-telefon cellurari tieghu ovvjament biex jintimida w jhedded lil Cauchi. Jekk kien hemm xi dubju dwar kemm kienu veri dawn id-dikjarazzjonijiet, dan zvanixxa meta Cauchi, akkompanjata minn tlitt kuntistabbli, marret fuq il-post u sabet quddiem ghajneha proprju dak li kien iddikjara li kien qed jaghmel l-appellant fuq it-telephone fid-diversi telefonati li kien qed jaghmel lil Cauchi tul id-diversi telefonati li kien ghamillha fl- 4 ta' Marzu, 2007. Ic-cirkostanzi kollha juru li din ma kienetx xi invenzjoni ta' Cauchi jew xi messa in xena imma fatt attwali li rrizulta akkompanjat minn *running commentary* spavald da parti tal-appellant, li mhux talli ma qaghadx jahbi x' kien qed jaghmel, imma pprova jitterrorizza lil Maria Cauchi bih allavolja ma kienetx prezenti.

Minn dawn ic-cirkostanzi korroboranti l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal ghall-konkluzzjoni li l-hsarat fil-bibien kienu kagjonati mill-appellant u li hu kien ingurjha w heddida f' telefonati ripetuti li hu ghamel lilha dak in-nhar wara nofs inhar. Din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar l-agir fattwali tal-appellant dak inhar.  Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni w t-tielet aggravji dwar l-entita' tad-danni fil-bibien u l-qanpiena ukoll jidhru nfondati u qed jigu respinti. Ghalkemm hu minnu li l-istimi li gew esebiti kienu juru l-istimi biex jimbidlu l-biebien danneggjati w mhux biex jissewwew, John Agius (fol. 62) xehed li l-bieb ta' gewwa hu maghmul minn materjal MDF coated with PVC u li, jekk ikollu daqqiet, ghalkemm jista' jitkahhal, xorta tibqa' tara d-difetti u qatt ma jigi originali bhal ma kien qabel. Ma tistax tirrangah. Jekk ghamilt hsara fil-PVC irid isir wiehed gdid. Mid-dokument MC1 a fol. 43 jirizulta li l-ispiza biex isir bieb ta' gewwa gdid, ikun hemm spiza ta' LM247 oltra spiza ta' LM49 ghal-*lock* u ta' LM30 ghall-*handle.* Dan apparti l-ispiza biex jissewwa l-bieb ta' barra w l-qampiena li kisser l-appellant. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti hija altru mill-konvinta sal-grad tac-certezza morali li l-hsara kkagunata mill-appellant kienet teccedi l-hamsin lira Maltin (LM50) ghalkemm ma tiskorriex il-hames mitt lira (LM500), u kwindi jirrizulta r-reat kontemplat fl-artikolu 325 (1) (b) fil-konfront tal-appellant, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi r-raba' aggravju tal-appellant li jirrigwarda t-tieni akkuza hu aggravju ta' natura legali. Hu argumenta li japplika l-principju *"nulla poena sine lege"* , jew ahjar *"nullum crimen sine lege"* . Jidher li dan l-aggravju, kif del resto jidher li taqbel il-prosekuzzjoni, hu gustifikat fid-dawl ta' dak li gie deciz minn din il-Qorti fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Dr. Etienne Calleja LL.D."** [22.8.2007]. F' dik is-sentenza fejn akkuza kontra l-appellant kienet identika ghat-tieni akkuza dedotta kontra l-appellant odjern, din il-Qorti kienet irriteniet li :-

*"Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid (jew ingurji) mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap.*

*9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004)*."

*"Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat."*

*"……L-appellant qed jargumenta ghalhekk li hu qed jigi akkuzat b' reat li ma jezistix."*

*"Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-*

*(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop*
*(b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u*
*(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat*

*ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .*

*Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali* ***specifici*** *ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)"*

*"Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal* ***eiusdem generis****, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra."*

*"U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded jew jingurja verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000)".*

*"Hu car ghalhek li l-kliem* ***" ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"*** *u "****jew tuzah b' mod mhux kif imiss"*** *f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma*

*ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4)."*

*"Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399."*

*"Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah "legal certainty." Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub-inciz jkunu jistghu jigu "attached" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: "ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u/jew "b'mod mhux kif imiss" adoperat fl-art. 35(1) (d)."*

*"Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' ingurji w/jew theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399."*

Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirritjeni li l-agir tal-appellant ma kienx jikkostitwixxi reat taht it-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu .

Ir-raba' aggravju li ma ngabet ebda prova li l-appellant fattwalment kien ingurja jew hedded lill Maria Cauchi, ukoll qed jigi respint ghax mix-xhieda ta' Cauchi jirrizulta ampjament li kien hemm theddid u insolenzi, w din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti hija sodisfatta li l-verzjoni ta' Cauchi hija dik veritjiera. Dana pero' fl-ambitu tar-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 339 (1) (e) tal-Kodici Kriminali, skond it-tielet imputazzjoni w mhux kif impostat fit-tieni imputazzjoni ibrida, taht l-artikolu 35 (1) (d) tal-Kap. 399, ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Kwantu ghall-aggravju dwar piena, ladarba l-appellant qed jigi liberat mit-tieni akkuza, dan bil-fors, sa certu punt, ikun irid jigi rifless fil-piena. Dan qed jinghid ghaliex meta wiehed jezamina l-fedina penali aggornata tal-appellant, wiehed isib farragni ta' kundanni ghall-incidenti ta' aggressjoni, vjolenza spavalda w reati ta' din in-natura, apparti reati ohra. Hu gie misjub hati mill-Qrati mhux inqas minn disgha w ghoxrin darba. Fost dawn hemm kundanni ghall-vjolazzjoni ta' proprjeta', ksur ripetut tal-bon ordni w l-paci pubbliku, forza attiva fuq persuni, danni volontarji fuq proprjeta' ripetuti, feriti hfief fuq il-pesuna kemm t' irgiel u nisa, theddid, li ingurja u hedded *police woman* fil-qadi tad-dmirijiet taghha, kellu erba kundanni differenti ghal disprezz tal-awtorita' tal-Qorti, ricettazzjoni, uzu hazin ripetut tas-sistema tat-telephone, tentattiv ta' ferita gravi fuq diversi persuni, attakk u rezistenza kontra persuni inkarigati minn servizz pubbliku gol-isptar San Luqa w serje ta' reati tat-traffiku.

Pero' hu aktar u aktar prejokkupanti minn hekk li kontra kull cahda tal-appellant fid-depozizzjoni guramentata tieghu, jirrizulta li kien hemm diga' diversi kazi fejn hu nstab hati ta' reati fil-konfront tal-istess Maria Cauchi. Di fatti, nstab hati li hebb ghal Cauchi w kkagunalha feriti ta' natura hafifa fis-26 t' Ottubru, 2004; li hedded lil Cauchi b' telephone b' sentenza tat-13 t' Ottubru, 2005; li rega hedded w ingurja w qabad mus kontra Mary Cauchi w ikkagunalha offizi ta' natura hafifa b' sentenza tas-16 t' Ottubru, 2005; li dejjaq lil Cauchi b' telephone b' sentenza tat-30 ta' Mejju, 2007; u li hedded lil Mary Cauchi w mara ohra fil-Qorti w li kiser l-obbligazzjoni li ma jergax

jimmolestaha fuqu imposta mill-Qorti, b' sentenza tad-29 ta' Novembru, 2007.

Jidher pero' li dawn il-kundanni ma servew ghal xejn ghax l-appellant baqa' ghaddej bil-persekuzzjoni ta' Maria Cauchi tul dawn l-ahhar erba snin. Inoltre dawn il-kundanni jizmentixxu kompletament dak li xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti w jirrendu d-depozizzjoni tieghu inattendibbli ghall-ahhar. Aghar minn hekk, jindikaw atteggjament aggresiv kwazi ossessiv fil-konfront ta' oht martu Maria Cauchi, li, jekk l-appellant mhux ser jiffrena, hemm perikolu kbir li jeskala ghal xi reat ferm aktar gravi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament u hekk tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni w fejn ordnat il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tlitt (3) snin favur Maria Cauchi, a tenur tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w fejn ikkunndannatu ghal sena prigunerija, w minnflok ma ssibux hati ta' din l-imputazzjoni w minnha tilliberah, u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' hdax il-xahar prigunerija ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------